**L-Istorja 2.1**

## Mid-Djarju ta' Sara...

*Wara l-iskola Sara kienet tmur sparata f'kamritha, tbiddel l-uniformi u taħsel wiċċha. Kull nhar ta' Tlieta u Ħamis kien ikollha  l-katekiżmu u Ms Annie kienet ittiha ħafna homework. Kif tiġi lura mill-katekiżmu, Sara kienet tiekol u tkompli tistudja. Wara kienet tinħasel, taqra ftit u tmur torqod.*

1. Taħseb li Sara għandha ħajja mgħaġġla?
2. Int taqbel li l-għalliema tagħtik il-*homework*?
3. Issib ħin taqra kuljum?
4. Issib ħin titkellem mal-ġenituri tiegħek?
5. Ikollok ċans tilgħab fil-*weekend*?

Ittikkja ħdejn l-attivitajiet li tagħmel matul il-ġimgħa:

- o nattendi xi għaqda
- o noħroġ mal-ġenituri tiegħi
- o inżur lin-nanniet
- o nagħti daqqa t'id fix-xogħol tad-dar
- o naqra ta' spiss
- o nilgħab ma' sħabi
- o nara t-TV

*Mindu daħlet l-iskola Sara tgħallmet tqassam ħinha sew. Ħafna mill-ħin kienet tqattgħu għand in-nanniet għax ommha kienet taħdem sa tard bil-lejl u missierha ta' spiss kien ikun imsiefer. Imnalla jkunu l-weekends li tgawdi ftit lill-mama' u joħorġu xi dawra flimkien .*

1. Meta il-mama' u l-papa' jkunu xogħol it-tnejn u int ma jkollokx skola, kif tqatta' l-ġurnata ?
2. Fid-dar tiegħek, min jieħu ħsieb it-tindif, ix-xiri u t-tisjir?
3. Kif tqattgħu l-ġurnata tal-Ħadd bħala familja.